**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Guramentat nru: 223/2023 AGV fl-ismijiet**

**TS**

**-vs-**

**BA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' TS li ppremettiet is-segwenti:-**

Illi l-partijiet izzewgu civilment nhar is-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (16.08.2021), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**.

Illi l-partijiet izzewgu bir-rit tal-knisja gewwa s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha nhar id-disgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (29.06.2021), liema zwieg gie ddikjarat null mit-Tribunal Ekklezjastiku ta' Malta nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (21.06.2023) (Prot No. 23.007) u dan permezz tal-*Briefer Process*.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-Partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (22.12.2022).

Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet huwa null u minghajr ebda effett a tenur tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha :-

1. Tiddikjara illi z-zwieg  li gie kkuntrattat bejn il-partijiet fis-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (16.08.2021), huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta'  BA  , li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi fl-ewwel lok huwa qieghed jaghti ruhu b'notifikat ghar-rikors guramentat ta' T  S pprezentat nhar is-27 ta' Settembru 2023.

2. Illi huwa jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejnu u bejn l-attrici fis-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (16.06.2021) huwa null u bla effett u dan a tenur tal-artikolu 19(1)(d) u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv  eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat ukoll is-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklesiastiku nhar il-21 ta' Gunju, 2023 u d-digriet ta' ezekuttivita' datat 24 ta' Lulju, 2023.[1]

[1] Fol. 14 - 24

Rat ukoll ir-rapport ta' Melissa Mifsud – Family and Couple Psychotherapist.[2]

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-konvenut waqt li kienu qed jsegwu l-kors ta' B.Com/B.Accountancy l-Universita' ta' Malta. L-attrici tispjega li kienu damu flimkien ghal ghaxar snin u kien hemm sena bejn 2016 u 2017 fejn kienu nfirdu. Ghal bidu tghid li ma tantx kien hemm *spark* li wiehed jistenna li jkun hemm fil-bidu ta' relazzjoni, pero' kien jirrapprezenta s-*safe place* taghha, izda tammetti li kienet thobbu biss bhala habib.

Tghid li bhala persuna hija ta' qalba tajba. Nervua u kellha self-esteem baxx hafna. Minn dejjem kienet tbati bl-ansjeta' u kien ikollha *panic attacks* u spiccat li kellha tiehu terapija u medicina li gew preskritti. Waqghet hazin hafna wara li damet sentejn f'relazzjoni tossika ma' persuna li kien ighajjarha u jbaxxiha l-hin kollu.

Sabet hafna wens fil-konvenut li kien persuna li dejjem kien lest li jikkuntentaha, kien rilassat bhala persuna, mhux ghajjur u possessiv u kien *close* hafna tal-familja tieghu li tawh trobbija tajba, forsi naqra mfissed.

Id-difett li kellu l-konvenut kien li ma kienx ihobb jiffaccja l-problemi, izda kien jippreferi jwaddabhom taht it-tapit u jipprokrastina.

---

[2] Fol. 28

Izzid tghid li kienet riedet tmur tipprova tahdem l-Awstralja u l-konvenut kien akkumpanjaha minkejja li kien dam biex sab xoghol, izda qatt ma kien jilmenta maghha. Wara ftit xhur, pero' l-attrici bdiet thossha *homesick* u riedet tigi lura Malta u l-konvenut kien accetta, minkejja li wara saret taf li fil-fatt ma riedx jigi lura.

L-attrici tkompli tispjega li minkejja li baqghet mal-konvenut, ma kinitx thoss dik l-imhabba ghalih. Kien iktar qisu habib, izda tant kien guvni bil-ghaqal li ma haqqux li tweggghu u baqghet mieghu. Kien hemm ukoll problemi ta' komunikazzjoni peress li  ma kinitx wahda profonda.

Tghid li wara erba' snin gherusija, l-attrici kienet ammettiet mal-konvenut li kienet qed thossha konfuza peress li kienet incerta b'dak li kienet thoss ghall-habib antik taghha u kienet talbet lill-konvenut sabiex ma jipproponix iz-zwieg, izda kien ghalxejn peress li meta kienu fuq vjagg ma' shabhom l-Guatemala kien ghamel proposal romantika u ma setghetx taghmel mod iehor hlief taccetta quddiem hbiebhom. Dan huwa kkonfermat mill-konvenut li jammetti li kien xorta ghamel il-proposta peress li kien ihobb l-attrici hafna.

Pero' tispjega li ftit gimghat wara kienu hassru u kienu ghamlu sena bejn Jannar 2016 sa Jannar 2017 mifrudin. Imbaghad kienu regghu rrangaw u kien f'dan iz-zmien li kienu marru jikkoabitaw l-Awstralja.

Tishaq li tul dan iz-zmien ir-relazzjoni taghhom baqghet l-istess, b'nuqqas ta' komunikazzjoni, kienu jaqblu fuq il-finanzi, izda f'mohhha kienet tahseb hafna fil-habib taghha. Il-konvenut jammetti li kien jara lill-attrici *depressed* hafna u kien jahseb li r-raguni kienet minhabba li kienet *home sick* u kien ghalhekk li kienu ddecidew li jizzewwgu.

Ghalkemm l-attrici kienet turi lill-konvenut li kellha d-dubbji taghha dwar iz-zwieg, billi kien persuna pozittiva, ma tantx kien taha importanza u baqghu bil-pjanijiet li jizzewwgu u ghalhekk assuma li d-dubbji tal-attrici kienu telqu. Irritornaw Malta fi Frar 2020 u baqghu jikkoabitaw u mbaghad izzewwgu fil-Knisja fid-29 ta' Gunju, 2021 u civilment fis-16 ta' Awissu, 2021 minhabba l-Covid. Bhala honeymoon, kellhom imorru tieg ta' hbieb taghhom l-Italja u ddecidew li dan kien ser ikun.

Bhala intimita' fiz-zwieg tghid f'disa' xhur kellhom relazzjonijiet erba' darbiet biss u dawn ma tantx kienu soddisfacenti, izda iktar bhala "chore." Tammetti li kienet baqghet tmur ghat-terapija ghal tmien xhur shah waqt iz-zwieg u kien ghamel zmien imur maghha l-konvenut. Dan kollu huwa kkonfermat mill-konvenut. L-attrici kien ikollha ansjeta' ukoll dwar jekk tinqabadx tqila jew le, tant li bdew jikkunsidraw adozzjoni.

Il-konvenut jispjega li pprova jaghti hafna sapport lill-attrici peress li kien jaf li hija persuna li tbati minn hafna ansjeta' li jwassluha ghall-*panic attacks.*

Tispjega li kemm il-psikologa u lanqas il-konvenut ma setghux jifhmuha. Il-psikologa kienet tghidilha li s-sentimenti taghha li kienet thoss kienu r-rizultat ta' ansjeta' u xejn iktar minn hekk.

F'Novembru, 2021 il-hsibijiet fuq il-habib taghha bdew jizdiedu u fi Frar 2022 meta kienet marret btala mal-hbieb kienet fethet qalbha maghhom li kienet thoss vojt kbir u f'Marzu, 2022 iddecidiet li ma felhitx iktar tibqa' fiz-zwieg. Kienu marru ghand couples/family therapist fl-ahhar ta' April u sadanittant ghall-eghluq sninha, il-konvenut kien organizzalha btala romantika, pero' tametti li ma kinitx kuntenta u kellha seba' mitt sena sabiex tigi lura.

Tikkonferma li f'April 2022 kienu sseparaw *de facto* u sussegwentement kienu sseparaw bonarjament. Permezz ta' sentenza mit-Tribunal Ekklezjastiku ta' Malta datat 21 ta' Gunju 2023 (Prot. No. 23.007) iz-zwieg taghhom gie ddikjarat null ghar-raguni li t-tnejn li huma kienu qed ibatu minn diskrezzjoni ta' gudizzju. Il-konvenut ikkonferma ukoll li jaqbel mal-istess decizjoni.

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attrici pprezentat dina l-kawza sabiex titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla ebda effett a tenur tal-Artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[3] , il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi ***"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritiko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."***

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*. Fis-sentenza

[33] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000

**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' lgħażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." Ikkunsidrat; In-nuqqas tad-discretio judicii huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis- sentenza Charles Atkins v. Matilde Atkins3 , inghatat spjegazzjoni dettaljata talkuncett ta' discretio judicii li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:- "Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom filkonfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, iddrittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom." Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana4 illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn ilparti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew*

***irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku. Fis-sentenza Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo2 , il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:- 2 Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000 "fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritiko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett." [sottolinejar ta' din il-Qorti] Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u lhajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghallannullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' discretio judicii. Fis-sentenza Mario Mizzi vs Maris Mizzi, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:- "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' lgħażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." Ikkunsidrat; In-nuqqas tad-discretio judicii huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis- sentenza Charles Atkins v. Matilde Atkins3, inghatat spjegazzjoni***

***dettaljata talkuncett ta' discretio judicii li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:- "Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom filkonfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, iddrittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."***

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana, illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

L-attrici harget minn relazzjoni tossika u jekk diga' kienet tip ta' persuna li tbati mill-ansjeta' u li kellha stima baxxa taghha nnifisha, tant l-gharus taghha kien dominanti u ibaxxiha li spiccat hazin hafna u kellha tiehu t-terapija u anke medicini sabiex tirkupra.

Kien fil-konvenut li sabet l-*comfort zone* taghha, peress li kien guvni kwiet, genwin u kien dejjem jakkomodaha, kuntrarjament ghar-relazzjoni li kellha

qabel. Madanakollu, tametti li dak li hasset ghall-konvenut ma kienux emozzjonijiet profondi u iktar kienet thares lejh bhala habib. Fir-realta' kienet iktar migbuda lejn habib antik taghha u peress li kienet spiccat tahdem mieghu, iktar sabet ruhha tahseb fih milli fil-konvenut.

L-attrici ppruvat tikkonvinci lill-konvenut li kienet konfuza f'dak li hasset fil-konfront tieghu u ma riditux jipproponilha. Bit-tlugh u nzul l-gherusija taghhom damet ghaxar snin u bejn 2016 u 2017 kien hassru u dan wara li l-konvenut injora ghal kollox dak li kienet ammettiet mieghu l-attrici hu kien ipproponilha quddiem hbiebhom waqt li kienu btala l-Guatemala. Fic-cirkostanzi, l-attrici hasset li ma setghetx timbarazza lill-konvenut quddiem shabhom u malli waslu Malta ftit xhur wara kienu hassru. Dan ipoggi f'dubbju kbir kemm verament l-attrici kienet disposta li tidhol f'dan iz-zwieg u tibni unjoni mal-konvenut.

Il-konvenut jametti li kien ihobb lill-attrici u ma tax kaz dak li bdiet tghidlu l-attrici u cioe' li kellha d-dubbji kemm verament dak li kienet thoss ghalih kienitx imhabba jew le. Fuq kollox meta ddecidew li jizzewwga assuma li kull dubbju li kellha l-attrici kien sparixxa.

Ghamlu zmien ighixu l-Awstralja u meta gew lura ghaliex l-attrici kienet bdiet thoss in-nuqqas tal-familja u kienet thossha depressa, kienu baqghu jikkoabitaw hawn Malta u dan wassal sabiex jiddeciedu li jizzewwgu f'Gunju, 2021.

Iz-zwieg kien zball mill-ewwel. Lanqas dam sena u tul din il-hajja mizzewwga, il-partijiet jaqblu illi r-relazzjonijiet bejniethom kienu ftit wisq u ghall-attrici kienet "chore" nieqsa minn kull emozzjoni. Anke l-kwistjoni ta'

maternita’ kienet tqajjem ansjeta’ fiha u tant bezghat li ma jkollix tfal li anke kkunsidrat tadotta milli jkollha uliedha hi stess.

Sa April 2022, l-attrici kienet ammettiet ma’ shabha li l-hajja matrimonjali taghha ma kinitx miexja sew u kienet qed thoss vojt kbir u anke jekk talbet lill-konvenut jakkumpanjaha ghand terapista ghax ma kinitx kuntenta, certament il-konvenut baqa’ pozittiv sal-ahhar u sa anke organizza btala romantika ghall-gheluq snin l-attrici, izda l-incertezzi taghha waslu sabiex ma haditx gost b’dina l-inizjattiva u kellha seba’ mitt sena biex tigi lura.

Essenzjalment, fid-dawl tax-xhieda prodotta, jirrizulta li l-partijiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewwga, kif ukoll fuq id-drittiijiet u dmirijiet essenzjali tieghu u dan meta bejn il-konjugi qatt ma kien dik il-gibda specjali li ghandha bzonn koppja sabiex twassalha ghaz-zwieg. Lanqas il-komunikazzjoni bejniethom kienet mill-ahjar.

Di piu’, l-attrici kienet onesta mal-konvenut u ammettiet mieghu li kienet thoss xi haga ghall-habib antik taghha u minhabba dina l-incertezza talbet lill-konvenut sabiex ma jinsistix li jizzewweg. Il-konvenut da parti tieghu injora dan kollu li stqarret mieghu l-attrici jew hassar ghal kollox dawk li setghu kienu sentimenti lejn guvni iehor u konsapevoli li kien hemm incertezzi, ha r-riskju u dahal ghal zwieg li mill-maghmudija tieghu ma kienx wiehed sod u ma kienx mibni fuq dawk li essenzjalment huma l-fatturi taz-zwieg, l-unita’ u l-indissolubilita’.

**<u>DECIDE:</u>**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din a l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi z-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Awissu, 2021 huwa null u mingħajr effett u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap, 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**